

31996D0580

L 254/56

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.10.1996

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Ġunju 1996, dwar il-proċedura għal attestazzjoni ta' konformità tal-prodotti għall-bini skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE rigward il-purtieri ħitan (test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(96/580/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 13(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni jeħtieġilha, skond iż-żewġ proċeduri msemmija l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE dwar attestazzjoni ta' konformità ta' prodott, illi tagħżel "il-proċedura l-inqas oneruża possibbli konsistenti mas-sigurtà"; billi dan ifisser li jeħtieġ li jkun deċiż jekk, għal ċertu prodott jew klassi ta' prodotti, tkunx meħtieġa sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika u kondizzjoni ta' attestazzjoni ta' konformità tajba biżżejjed, jew, biex jitħarsu l-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), hemmx hteġa li jkun hemm korp approvat ta' ċertifikazzjoni;

Billi l-Artikolu 13(4) jitlob li l-proċedura adottata għandha tintwera fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għalhekk, ikun aħjar li jkun hemm definizzjoni tal-kunċett ta' prodott jew klassi ta' prodott kif użati fl-ordnijiet u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

Billi iż-żewġ proċeduri msemmija fl-Artikolu 13(3) huma murija fid-dettal fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi għalhekk jeħtieġ li jintwerew b'mod ċar il-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu implimentati, b'riferenza għall-Anness III, għal kull prodott jew klassi ta' prodott, peress li l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Billi l-proċedura li għaliha saret riferenza f'punt (a) ta' l-Artikolu 13(3) taqbel mas-sistemi msemmija fl-ewwel possibbiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u t-tielet possibbiltà ta' punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u l-proċedura msemmija f'punt (b) ta' l-Artikolu 13(3) taqbel mas-sistemi msemmija f'punt (i) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibbiltà b'sorveljanza kontinwa, ta' punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' l-Anness III;

Billi l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-attestazzjoni ta' konformità tal-prodotti u tal-klassijiet ta' prodott msemmija fl-Anness I għandha tkun skond proċedura li biha l-manifattur ikollu taħt ir-responsabbiltà tiegħu biss sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika li tassigura li l-prodott ikun konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti.

L-Artikolu 2

Il-prodotti msemmija fl-Anness II għandu jkollhom il-attestazzjoni tagħhom ta' konformità skond proċedura li biha, flimkien mas-sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika mħaddma mill-manifattur, korp approvat ta' ċertifikazzjoni jieħu sehem fil-verifika u s-sorveljanza ta' kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

L-Artikolu 3

Il-proċedura għall-attestazzjoni ta' konformità, kif mogħtija fl-Anness III, għandha tintwera fl-ordnijiet għal *standards* armonizzati.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Ġunju 1996.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

L-ANNEX I

PURTIERI ĦITAN

Settijiet ta' purtieri ħitan biex jintużaw jew bħala ħitan esterni li mhumiex soġġetti għall-ħtiġijiet ta' reazzjoni għan-nar, jew bħala ħitan esterni soġġetti għall-ħtiġijiet ta' reazzjoni għan-nar iżda li ma jinstabux f'xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija għal dawn il-prodotti fl-Anness II.

L-ANNEX II

SISTEMI TA' GĦELUQ MINN NAR

Settijiet ta' purtieri ħitan biex jintużaw bħala ħitan soġġetti għall-ħtiġijiet ta' reazzjoni għan-nar, ikklassifikati taħt waħda mill-Ewroklassijiet A, B u C, fejn ir-reazzjoni għan-nar hija jew suxxettibbli għall-bidla waqt il-proċess tal-produzzjoni (ġeneralment dawk li jkunu magħmula minn materja prima kombustibbli), jew li nbidlet minħabba li ddaħħlu ċerti aġenti, bħal *fire retardants*, iżda biss meta dawn il-komponenti aktarx li jkunu esposti għan-nar fis-sitwazzjoni ta' l-użu aħħari tagħhom.

L-ANNEX III

KLASSI TA' PRODOTTI:

SETTIJJET TA' PURTIERI ĦITAN (1/1)

Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità

Għall-prodott jew prodotti u l-użu maħsub għalihom imsemmija hawn taħt, il-Kumitat Ewropew ta' Standardizzazzjoni/Kumitat Ewropew ta' Standardizzazzjoni Elettroteknika (CEN/Cenelec) huwa mitlub li jispjefika s-sistema jew sistemi li għejjin ta' attestazzjoni ta' konformità skond standards armonizzati rilevanti:

Prodott/i	Użu/i maħsub/a għal għeluq minn nar	Livell/i u klassijiet (reazzjoni għan-nar) ⁽¹⁾	Sistema/i ta' attestazzjoni ta' konformità
Settijiet ta' purtieri ħitan	Bħala ħitan esterni soġġetti għall-ħtiġijiet ta' reazzjoni għan-nar	A, B, C ⁽²⁾	1 ⁽⁴⁾
		A, B jew C ⁽³⁾ D, E jew F	3 ⁽⁵⁾
	Bħala ħitan esterni li mhumiex soġġetti għall-ħtiġijiet ta' reazzjoni għan-nar	—	3 ⁽⁵⁾

⁽¹⁾ Għal reazzjoni għan-nar, ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/611/KE (ĠU L 241, tas-16.9.1994, p.25).

⁽²⁾ Materjali li r-reazzjoni għan-nar hija suxxettibbli għall-bidla waqt il-proċess tal-produzzjoni (ġeneralment dawk li jkunu magħmula minn materja prima kombustibbli) jew li nbidlet minħabba li ddaħħlu ċerti aġenti, bħal *fire retardants*.

⁽³⁾ Materjali li r-reazzjoni għan-nar mhijiex suxxettibbli għall-bidla waqt il-proċess tal-produzzjoni (ġeneralment dawk li jkunu magħmula minn materja prima mhux kombustibbli).

⁽⁴⁾ Sistema 1: Ara l-Anness III, Taqsima 2, punt (i) tad-Direttiva 89/106/KEE, mingħajr verifika tal-kontijiet ta' kampjuni.

⁽⁵⁾ Sistema 3: Ara l-Anness III, Sezzjoni 2, punt (ii), tad-Direttiva 89/106/KEE, it-tieni possibbiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi mplimentata anki meta r-rendiment tagħha ma jeħtieġx li jiġi eżaminat għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' mill-inqas Stat Membru wieħed m' għandu ebda ħtieġa legali għal karatteristika ta' din ix-xorta (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każijiet, il-verifika ta' din il- karatteristika ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manifattur jekk hu ma jixtieqx jiddikjara r-rendiment tal-prodott f'dak ir-rigward.